## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor.Imħallef Dr Giovanni M.Grixti LL.M. LL.D.

Appell Numru 121/2019

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pier Guido Saliba)**

**Vs**

**Robert Sant**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2022

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Robert Sant, detentur tal-karta tal-identita' numru 50766(M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-3 t'Ottubru 2017 għall-ħabta tal-22.10 fi Triq il-Mosta, Ħal-Lija, saq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JBM 354:

1. U b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, involontarjament ikkaġuna offiża gravi fuq il-persuna ta' Emanuel

Agius li ġab il-konsegwenzi imsemmijin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta skont kif iċċertifika Dr Swain MD u Dr Paul Zammit MD mill-MDH;

2. U talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata.

3. U aktar talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluża,

4. U aktar talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat ikun skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tat-8 t'April, 2019 tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li biha lliberat lill-imputat;

Rat ir-rikors tal-appell intavolat mill-Avukat Ġenerali fit-3 ta' Mejju 2019 fir-reġistru ta' din il-Qorti li bih talab lil din il-Qorti **tħassar** u tirrevoka s-sentenza tat-8 t'April 2019 fl-ismijiet premessi u minflok tisma' l-provi kollha produċibbli u tgħaddi sabiex tagħti sentenza skont il-liġi jew, b'mod alternattiv, **tħassar** u tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti lliberat lill-imputat u minflok issibu ħati tar-reati kollha kif addebitati kontra tiegħu;

Rat l-aggravji tal-Avukat Ġenerali;

Rat ir-risposta miktuba tal-appellat;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet s-sottomissjonijiet orali tal-partijiet u rat in-nota ta' sottomisjonijiet tal-*parte civile*;

Ikkonsidrat

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma dwar allegat investiment ta' persuna b'mod involontarju naxxenti minn incident stradali bl-imputat odjern ikun liberat fuq nuqqas ta' provi. Jirrizulta illi l-proskeuzzjoni kienet talbet li tinghata differiment sabiex tipproduci zewg affidavits ta' zewg ufficjali tal-Pulizija u l-Qorti cahdet dik it-talba u pprocediet fuq il-provi prodotti sa dakinhar. L-ilmenti tal-Avukat Generali <u>fl-ewwel</u> aggravju tieghu hu li l-ewwel Qorti naqset proceduralment meta cahdet it-talba tal-prosekuzzjoni ghall-differiment ghaliex b'hekk ma inghatatx l-opportunita' li tipproduci prova indispensabbli ghall-kaz taghha u b'hekk skatta d-dritt ta' appell fit-termini tal-artikolu 413(1)(vi) tal-Kodici Kriminali;

2. Illi ghalhekk tajjeb li tkun riprodotta dik il-parti tal-verbal tal-udjenza relattiva quddiem l-ewwel Qorti, jigifieri dik tat-8 t'April, 2019 fejn hemm registrati is-segwenti:-

> **Il-Prosekuzzjoni titlob differiment sabiex ikun prodott l-affidavit ta' WPS 161 u Spettur Elton Taliana.**
>
> **Il-Qorti tichad it-talba peress li dawn huma kawzi sommarji u l-imputat ghandu d-dritt li jistenna li l-provi jinstemghu kemm jista' jkun malajr;**
>
> **Il-Prosekuzzjoni tiddikjara l-provi maghluqa.**

3. Issa, l-artikolu 413(1)(vi) tal-Kodici Kriminali jipprovdi hekk:

**413 (1) Jistgħu jappellaw mis-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati:**

**(vi) il-Pulizija, jew skont il-każ, il-kwerelant ma jkunx ġie permess waqt il-kawża li jipproduċi, b'appoġġ għall-akkuża, xi prova indispensabbli li kienet ammissibbli skont il-liġi.**

4. In sostenn tal-argument tiegħu l-Avukat Ġenerali jagħmel referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Gordon Borda** tal-31 ta' Lulju, 2018. Din is-sentenza ser tkun eżaminata biss mill-ottika ġurisprudenzjali għaliex tajjeb li kulltant jkun osservat *pro memoria* li fis-sistema ġuridku tagħna mhix mħaddda d-dottrina tal-preċedent. Issa, dik is-sentenza mhux biss ma hi ta' ebda sostenn għall-aggravju tal-Avukat Ġenerali talli fiha nnifisha toffri raġuni għaliex l-istess Avukat Ġenerali ma kellux għalfejn iressaq din il-lanjanza. F'dak il-każ, ix-xhud kienet debitament mħarrka u ttardjat xi ftit minħabba l-ammont ta' nies li kienu qed jistennew biex jidħlu fil-bini tal-Qorti. Appena tfaċċat fl-awla u spjegat li kienet qed tistenna fil-*queue* biex tidħol fil-Qorti, l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba li din tinstema meta kienet xhud indispensabbli essendo l-*parte civile* u *marte proprio* għaddiet biex tiddikjara l-provi tal-prosekuzzjoni magħluqa;

5. Fil-każ odjern, il-prosekuzzjoni talbet differiment sabiex tipproduċi żewġ affidavits ta' żewġ uffiċċjali tal-Pulizija u ma pprezentat ebda riferta tal-persuna li kellha tipprezenta dawn id-dokumenti. Ifisser dan, illi l-prosekuzzjoni talbet differiment għar-raġuni li l-affidavits ma kienux fil-pussess tagħha dak il-ħin. Issa, wara li l-Qorti ċaħdet it-talba għal differiment bażat fuq il-

kunsiderazzjoni li dawk kienu proceduri sommarji, <u>il-prosekuzzjoni stess minflok ma ppotestat ruhha ghal dik id-decizzjoni ghaliex il-prova li riedet tressaq kienet wahda indispensabbli, ddikjarat li ma kellhiex aktar provi</u>. Illi ghalhekk dan il-kaz hu ghalkwantu differenti minn dak citat mill-Avukat Generali u huwa kontrasens li l-prosekuzzjoni l-ewwel tiddikjara li ma kellhiex aktar provi imbaghad tappella ghaliex ma thallietx tressaq dak li tallega li huma provi indispensabbli;

6. Illi r-ragunament ta' din il-Qorti jsib sostenn fis-sentenza citata mill-Avukat Generali li fiha hemm referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Borg** (App Krim 10.12.1993) fejn il-Qorti irriteniet illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tghaddi ghas-sentenza minghajr ma tisma' lix-xhud <u>jekk dan kien debitament notifikat u l-partijiet ma rrinunzjawx ghalih</u>. Fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni effettivament irrinunzjat ghal dik il-prova li riedet tressaq meta ddikjarat li ma kellhiex aktar provi;

7. Illi ghalhekk ma kien hemm xejn irregolari fit-tmexxija tal-kawza mill-ewwel Qorti u konsegwentement l-ewwel aggravju qed ikun dikjarat infondat u bhala konsegwenza l-ewwel talba qed tkun michuda;